# L-istatwa titulari tal-Madonna tal-Karmnu fil-Balluta



*L-ewwel purċissjoni li saret fil-Balluta fl-1896*

Fil-gżejjer tagħna għandna bosta statwi sbieħ, li wħud minnhom ġew maħduma min artisti Maltin kif ukoll barranin. Fost dawn ħa nsemmu l-istatwa tal-Madonna tal-Karmnu li tinsab fil-Knisja Parrokkjali tal-Balluta. Mill-istorja nafu li fl-atti notarili ta' Francesco Bovio li sar f'Napli fil-5 ta' Novembru 1779 kien sar ftehim bejn is-Sur Pasquale Guido f'isem il-fratellanza tal-Karmnu tal-Belt u l-iskultur Gennaro Reale. Il-ftehim kien igħid biex sa' l-aħħar ta' xahar ta' Marzu, ta' sena 1780 jaħdem bl-akbar eżatezza u skond ir-regoli, figura twila sitt ixbar u tlett kwarti, u l-bażi tagħha kellu jkun għoli nofs xiber. Dan kellu jsir skond il-mudell magħmul mit-tafal mill-istess skultur bil-kundizjoni li l-mudell jiġi mpitter kif trid tkun miżbugħa l-istatwa.Il-prezz ta' dan ix-xogħol kellu jkun ta' sebgħin dukat ta' Napli. Dan ix-xogħol kif ukoll l-iskultura kellu jsir taħt il-parir u bl-assistenza tal-professur Carlo Mondicello.

Tajjeb li wieħed igħid li kienet saret konsulta ġenerali għall-fratelli li saret fl-oratorju tagħhom fil-Belt Valletta nhar id-19 ta'Marzu 1780. F'din il-konsulta ġenerali kulħadd qabel ma' dan il-ftehim. Fil-Belt Valletta f'dak iż-żmien kien hemm statwa oħra tal-Madonna tal-Karmnu u għalhekk sar ftehim li billi l-injam tal-pedestal ta' din l-istatwa kien għadu tajjeb ħafna, kellu jintuża għall-pedestal ta' din l-istess statwa ġdida. Is-Sur Ewgenio Borg li kien mastrudaxxa prim, ħadem ix-xogħol tal-injam għall- dan il-pedestall. Barra hekk il-fratellanza ħadet ħsieb li tħallas lill-kaptan tax-xwieni li kien is-sur Giacomo Burlo Corriva biex ikun jista jġib l-istatwa minn Napli sa Malta fuq xini tal-Ordni ta' San Ġwann.

Din l-istatwa waslet Malta nhar is-17 ta' Settembru 1780 mingħajr induratura u żebgħa. Aktar tard hawn Malta stess, sar ix-xogħol taż-żebgħa mill-pittur J.Antonio Grech li dak iż-żmien kien jaħdem fil-palazz tal-Gran Mastru ġewwa San Anton, waqt li l-induratura saret min sur Michele Galdes.

Nistgħu ngħidu li din l-istatwa ħarġet għall-ewwel darba waqt purċissjoni li kienet nżammet fil-Belt Valletta, il-Ħadd, fost l-ottava tal-festa tal-Madonna tal-Karmnu fis-sena 1781. Din l-istatwa ġiet mbierka bis-solennità kollha u ġiet mpoġġija għall-qima tal-poplu fl-oratorju li l-konfraternita għandha biswit is-Santwarju Bażilka tal-Karmnu fil-Belt Valletta. Kien fis-sena 1890 meta l-patrijiet Karmelitani marru fil-Balluta, li din l-istatwa ġiet mogħtija lilhom.

Fis-sena 1896 saret l-ewwel purċissjoni f'ġieħ il-Madonna tal-Karmnu fil-Balluta, b'din l-istatwa tant devota u li llum tinsab fil-Knisja Parrokjali iddedikata lilha fil-Balluta.

J'Alla il-verġni Marija Sultana tal-Karmelu tħares b'imħabba kbira lejn din il-parroċċa u j'Alla minnha jkollna iżjed vokazzjonijiet qaddisa.

***Patri Hermann Duncan O.Carm.***